MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 2772/2002

**Miller Distributors Limited**

**Vs**

**Alan Borg f'ismu proprju kif wkoll bhala ezercitanti kummerc that l-isem Power Print Stationery**

**It-Tribunal,**

**Wara li ra t-talba attrici ghall-hlas ta' Lm259.79 (mitejn u disa' u hamsin lira maltin u disa' u sebghin centezmu dovuti ghall-bilanc prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata.**

**Bl-ispejjes u bl-interessi kontra l-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni.**

**Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenuti iwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-**

**kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.**

**Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti fit-23 ta' Ottubru, 2003 naqsu u ma dehrux meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.**

**Jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici bl-ispejjes u interessi kif mitluba.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------